Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 1– It-Tnejn 1 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fit-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Micallef | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mill-aktar kunsillier anzjan, Teddy Saliba. Huwa rringrazzja lill-kunsilliera għal-laqgħa li tawh peress li din hija l-ewwel leġislatura tiegħu. Huwa talab sabiex il-kunsilliera dejjem jaħdmu u jiġbdu ħabel wieħed bi skop komuni, dak li lil Għajnsielem iġibuh aħjar. Huwa feraħ lis-Sindku l-ġdid Kevin Cauchi u talab lill-sħabu biex ituħ kull appoġġ biex isostnuh f'ħidmietu. Huwa rringrazzja lill-eks Sindku Franco Ciangura għall-ħidma ntensa tiegħu fejn poġġa lill-Għajnsielem fuq il-mappa nternazzjonali.

**1.2 Ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku**

1.2.1 Is-Segretarja spjegat kif skond Artiklu 25 tal-Att tal-Kunsiklli Lokali, l-aktar persuna li ġġib voti fil-partit li jġib il-maġġoranza huwa ntitolat li jkun is-Sindku u min jiġi warajh ikun il-Viċi Sindku. F'dan il-każ, is-Sur Kevin Cauchi huwa s-Sindku u s-Sur Franco Ciangura hu l-Viċi Sindku. Hija talbithom jaċċettawx din il-kariga. Huma lkoll aċċettaw din il-kariga u ffirmaw l-ittra ta' aċċettazzjoni. Ġew mitluba jieħdu l-ġuramament tal-ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku li ser issir nhar l-Erbgħa 3 ta' Lulju fis-6:00pm fi Pjazza Indipendenza, Victoria fejn ser issir ċelebrazzjoni komuni għas-Sindki u Viċi Sindki Għawdxin.



K.C.

1.2.2 Is-Sindku Kevin Cauchi qal li jħossu onorat u privileġġjat li għandu din l-opportunità li flimkien mal-kunsilliera jmexxi dan il-Kunsill. Huwa rringrazzja lis-Sindku ta' qabel Franco Ciangura tal-ħidma li wettaq matul dan l-aħħar erba' snin kif ukoll lill-kunsilliera kollha li servew matul it-tmien leġislaturi ta' qabel. Is-Sindku Kevin Cauchi rringrazzja wkoll lil Kunsilliera Karen Xuereb u Peter Caruana li issa m'għadomx magħna fil-Kunsill u ta merħba lil Stephen Mercieca u Teddy Saliba li ingħaqdu mal-Kunsill il-gdid. Is-Sindku qal li jinsab ferm kuntent li se jkun qed immexxi tim b'saħħtu ta' kunsilliera, ħaddiema u staff b'tahtlita ta' esperjenza u idejat. Huwa qal li fl-ewwel parti ta' din il-legislatura se jitkomplew l-proġetti li hemm pendenti u mbaghad niffukaw fuq oqsma godda. Huwa rringrazzja b'mod partikulari lis-Segretarju Ezekuttiv tal-ħidma taghha, tal-*handover* li tagħtu u anke għal fondi u premijiet li rnexxiela takkwista lil-lokalita' matul dawn il-5 snin li ilha mal-Kunsill t'Għajnsiem. Fl-aħħar nett, huwa qal li se jkun Kunsill li jolqot il-faxex kollha tas-soċjeta, tfal, żgħażagħ, anzjani, persuni b'diżabilita, barranin eċċ u l-ħidma se tkun mifruxa ma' kull żona tar-raħal. Huwa jinsab cert li l-Kunsill huwa ffurmat minn tim b'saħħtu u li ser jinvolvi lil kulħadd fit-tmexxija anke permezz tat-tqassim tar-responsibilitajiet.

**1.3 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

1.3.1Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata ghal nhar il-Hamis 4 ta' Lulju fl-4:30pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**